SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Ir-Raba' Awla)

26 ta' Jannar 2017 *

"Appell — Dumping — Regolament ta' implementazzjoni (UE) Nru 501/2013 — Importazzjonijiet ta' roti mibgħuta mill-Indoneżja, mill-Malasja, mis-Sri Lanka u mit-Tuneżija — Estensjoni, għal dawn l-importazzjonijiet, tad-dazju antidumping definittiv stabbilit fuq l-importazzjonijiet ta' roti li joriġinaw miċ-Ċina — Regolament (KE) Nru 1225/2009 — Artikolu 13 — Evażjoni — Artikolu 18 — Nuqqas ta' kooperazzjoni — Prova — Għadd ta' indizji konsistenti"

Fil-Kawżi magħquda C-247/15 P, C-253/15 P u C-259/15 P,

li għandhom bħala suġġett tliet appelli abbażi tal-Artikolu 56 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, ippreżentati rispettivament fis-27 ta' Mejju, fid-29 ta' Mejju u fl-1 ta' Ġunju 2015,

Maxcom Ltd, stabbilita fi Plovdiv (il-Bulgarija), irrappreżentata minn L. Ruessmann, avukat, u J. Beck, solicitor,

rikorrenti,

il-partijiet l-oħra fil-kawża li huma:

Chin Haur Indonesia PT, stabbilita f'Tangerang (l-Indoneżja), irrappreżentata minn T. Müller-Ibold, Rechtsanwalt, u F.-C. Laprévote, avukat,

rikorrenti fl-ewwel istanza,

Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, irrappreżentat, inizjalment, minn S. Boelaert, sussegwentement minn H. Marcos Fraile kif ukoll B. Driessen, bħala aġenti, assistiti minn R. Bierwagen u C. Hipp, Rechtsanwälte,

rikorrenti fl-ewwel istanza,

Il-Kummissjoni Ewropea, irrappreżentata minn J.-F. Brakeland u M. França, bħala aġenti,

intervenjenti fl-ewwel istanza (C-247/15 P),

u

Il-Kummissjoni Ewropea, irrappreżentata minn J.-F. Brakeland u M. França, bħala aġenti,

rikorrenti,

il-partijiet l-oħra fil-kawża li huma:

* Lingwa tal-kawża: l-Ingliż.

Chin Haur Indonesia PT, stabbilita f'Tangerang (l-Indoneżja), irrappreżentata minn T. Müller-Ibold, Rechtsanwalt, u F.-C. Laprévote, avukat,

rikorrenti fl-ewwel istanza,

Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, irrappreżentat, inizjalment, minn S. Boelaert, sussegwentement minn H. Marcos Fraile kif ukoll B. Driessen, bħala aġenti, assistiti minn R. Bierwagen u C. Hipp, Rechtsanwälte,

rikorrenti fl-ewwel istanza,

Maxcom Ltd, stabbilita fi Plovdiv (il-Bulgarija), irrappreżentata minn L. Ruessmann, avukat, u J. Beck, solicitor,

intervenjenti fl-ewwel istanza (C-253/15 P),

u

Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, irrappreżentat, inizjalment, minn S. Boelaert, sussegwentement minn H. Marcos Fraile kif ukoll B. Driessen, bħala aġenti, assistiti minn R. Bierwagen u C. Hipp, Rechtsanwälte,

rikorrenti,

il-partijiet l-oħra fil-kawża li huma:

Chin Haur Indonesia PT, stabbilita f'Tangerang (l-Indoneżja), irrappreżentata minn T. Müller-Ibold, Rechtsanwalt, u F.-C. Laprévote, avukat,

rikorrenti fl-ewwel istanza,

Il-Kummissjoni Ewropea, irrappreżentata minn J.-F. Brakeland u M. França, bħala aġenti,

parti intervenjenti fl-ewwel istanza,

Maxcom Ltd, stabbilita fi Plovdiv (il-Bulgarija), irrappreżentata minn L. Ruessmann, avukat, u J. Beck, solicitor,

intervenjenti fl-ewwel istanza (C-259/15 P),

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Ir-Raba' Awla),

komposta minn T. von Danwitz, President tal-Awla, E. Juhász, C. Vajda, K. Jürimäe (Relatur) u C. Lycourgos, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: P. Mengozzi,

Reġistratur: V. Giacobbo-Peyronnel, Amministratur,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tat-2 ta' Ġunju 2016,

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali, ippreżentati fis-seduta tat-22 ta' Settembru 2016,

tagħti l-preżenti

Sentenza

1 Permezz tal-appelli tagħhom, Maxcom Ltd, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea jitolbu l-annullament tas-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea tad-19 ta' Marzu 2015, Chin Haur Indonesia vs Il-Kunsill (T-412/13, iktar 'il quddiem is-"sentenza appellata", EU:T:2015:163), li biha din annullat l-Artikolu 1(1) u (3) tar-Regolament ta' Implementazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 501/2013, tad-29 ta' Mejju 2013, li jestendi d-dazju antidumping definittiv impost mir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 990/2011 fuq importazzjonijiet ta' biċikletti li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina għal importazzjonijiet ta' biċikletti kkunsinjati mill-Indoneżja, mill-Malasja, mis-Sri Lanka u mit-Tuneżija, kemm jekk iddikjarati bħala li joriġinaw fl-Indoneżja, il-Malasja, is-Sri Lanka u t-Tuneżija kif ukoll jekk le (ĠU 2013, L 153, p. 1, iktar 'il quddiem ir-"regolament ikkontestat"), sa fejn dan jikkonċerna lil Chin Haur Indonesia PT (iktar 'il quddiem "Chin Haur").

Il-kuntest ġuridiku

2 Fiż-żmien meta seħħew il-fatti li wasslu għall-kawża, id-dispożizzjonijiet li jirregolaw l-adozzjoni ta' miżuri antidumping mill-Unjoni Ewropea kienu jinsabu fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1225/2009, tat-30 ta' Novembru 2009, dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Komunità Ewropea (ĠU 2009, L 343, p. 51, u rettifika ĠU 2010, L 7, p. 22), kif emendat bir-Regolament (UE) Nru 1168/2012, tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-12 ta' Diċembru 2012 (ĠU 2012, L 344, p. 1, iktar 'il quddiem ir-"regolament bażiku").

3 L-Artikolu 13 ta' dan ir-regolament, intitolat "Evażjoni", huwa fformulat kif ġej:

"1. Id-dazji ta' kontra d-dumping imposti skond dan ir-Regolament jistgħu jiġu estiżi għal importazzjonijiet minn pajjiżi terzi, ta' prodotti simili, kemm jekk ftit modifikati kemm jekk le; jew għal importazzjonijiet ta' prodotti simili ftit modifikati mill-pajjiż li hu soġġett għall-miżuri; jew għal partijiet minnhom, meta tkun qed issir evażjoni mill-miżuri fis-seħħ. Id-dazji ta' kontra d-dumping li ma jeċċedux d-dazju residwu ta' kontra d-dumping impost skond l-Artikolu 9(5) jistgħu jiġu estiżi għal importazzjonijiet minn kumpanniji li jibbenefikaw minn dazji individwali fil-pajjiżi li huma suġġetti għall-miżuri fejn qed titwettaq l-evażjoni. Evażjoni għandha tiġi mfissra bħala bidla fix-xejra tal-kummerċ bejn pajjiżi terzi u l-Komunità jew bejn kumpanniji individwali fil-pajjiż soġġett għall-miżuri u l-Komunità, li tinħoloq minn prattika, proċess jew ħidma li għalihom hemm raġuni tajba jew ġustifikazzjoni ekonomika insuffiċjenti ħlief l-imposizzjoni ta' dazju, u fejn ikun hemm xhieda ta' ħsara jew li l-effetti tad-dazju biex iġibu rimedju qiegħdin jiddgħajfu fir-rigward tal-prezzijiet u/jew il-kwantitajiet ta' prodott simili, u fejn ikun hemm xhieda ta' dumping rigward il-valuri normali stabbiliti preċedentement għall-prodott simili, jekk ikun neċessarju skond id-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 2.

Il-prattika, proċess jew ħidma msemmija fl-ewwel subparagrafu jinkludu, inter alia, il-modifika żgħira tal-prodott konċernat biex jaqa' taħt kodiċijiet doganali li normalment ma humiex soġġetti għall-miżuri, sakemm il-modifika ma tibdilx il-karatteristiċi essenzali tiegħu; il-kunsinna tal-prodott soġġett għall-miżuri permezz ta' pajjiżi terzi; l-organizzazzjoni mill-ġdid mill-esportaturi u l-produtturi tax-xejriet tagħhom u tal-kanali tal-bejgħ fil-pajjiż soġġett għall-miżuri sabiex eventwalment il-prodotti tagħhom jiġu esportati lejn il-Komunità permezz ta' produtturi li jibbenefikaw minn dazju individwali li hu inqas minn dak li japplika għall-prodotti tal-fabbrikanti; u, fiċ-ċirkostanzi imsemmija fil-paragrafu 2, l-assemblaġġ ta' partijiet minn operazzjoni ta' l-assemblaġġ fil-Komunità jew f'pajjiż terz.

2. Operazzjoni ta' assembleġġ fil-Komunità jew pajjiż terz għandha tiġi kkunsidrata li tevadi il-miżuri fis-seħħ meta:

a) l-operazzjoni bdiet jew żdiedet sostanzjalment minn meta, jew eżatt qabel, il-bidu ta' l-investigazzjoni kontra dumping u l-partijiet ikkonċernati huma mill-pajjiż soġġett għall-miżuri, u

b) il-partijiet jikkostitwixxu 60 % jew iktar mill-valur totali tal-partijiet tal-prodott mibni, ħlief li f'ebda każ ma għandha l-evażjoni tiġi meqjusa li tkun qiegħda isseħħ fejn il-valur miżjud mal-partijiet miġjuba, matul l-operazzjoni ta' assembleġġ jew ta' kompletazzjoni, jkun ikbar minn 25 % ta' l-ispiża tal-fabbrikazzjoni,

(ċ) l-effetti ta' rimedju tad-dazju ma jkunux qegħdin jiġu kkunsidrati fejn jidħlu l-prezzijiet u/jew il-kwantitajiet tal-prodott simili mibni u hemm evidenza ta' dumping fejn għandhom x'jaqsmu l-valuri normali qabel stabbiliti għal prodotti simili jew bħalhom.

3. L-investigazzjonijiet għandhom jinbdew skont dan l-Artikolu fuq l-inizjattiva tal-Kummissjoni jew fuq talba ta' Stat Membru jew xi parti interessata fuq il-bażi ta' xiedha suffiċjenti rigward il-fatturi stabbiliti fil-paragrafu 1. Il-bidu tal-investigazzjonijiet għandu jsir, wara konsultazzjoni mal-Kumitat Konsultattiv, permezz ta' Regolament tal-Kummissjoni li jista' wkoll jagħti istruzzjonijiet lill-awtoritajiet doganali biex jagħmlu l-importazzjonijiet soġġetti għal reġistrazzjoni skont l-Artikolu 14(5) jew li jitolbu garanziji. L-investigazzjonijiet għandhom jitwettqu mill-Kummissjoni, li tista' tkun assistita minn awtoritajiet doganali u għandhom jintemmu fi żmien disa' xhur. Jekk il-fatti kif finalment aċċertati jiġġustifikaw l-estensjoni tal-miżuri, dan għandu jsir mill-Kunsill, li jaġixxi fuq proposta ppreżentata mill-Kummissjoni, wara konsultazzjoni mal-Kumitat Konsultattiv. Il-proposta tiġi adottata mill-Kunsill kemm-il darba ma jiddeċiedix b'maġġoranza sempliċi li ma jaċċettax il-proposta, fi żmien xahar wara li tkun ġiet sottomessa mill-Kummissjoni. L-estensjoni tibda' sseħħ mid-data li fiha ġiet imposta r-reġistrazzjoni skont l-Artikolu 14(5) jew li fiha ġew mitluba l-garanziji. Id-disposizzjonijiet rilevanti dwar proċedura ta' dan ir-Regolament rigward il-bidu u t-tmexxija ta' investigazzjonijiet għandhom jgħoddu bis-saħħa ta' dan l-Artikolu.

L-importazzjonijiet m'għandhomx ikunu suġġetti għar-reġistrazzjoni skont l-Artikolu 14(5) jew għal miżuri meta jkunu negozjati minn kumpanniji li jibbenefikaw minn eżenzjonijiet. It-talbiet għall-eżenzjonijiet debitament sostnuti minn provi għandhom jiġu ppreżentati fit-termini perentorji stabbiliti fir-Regolament tal-Kummissjoni li jibda' l-investigazzjoni. Meta l-prattika, proċess jew ħidma li ġġib ħelsien mir-restrizzjonijiet issir barra mill-Komunità, jistgħu jingħataw eżenzjonijiet lill-produtturi tal-prodott ikkonċernat li jistgħu juru li ma għandhom l-ebda relazzjoni ma' xi produttur li hu suġġett għall-miżuri li li jinstabu li ma humiex iwettqu prattiċi ta' ħelsien mir-restrizzjonijiet kif imfisserfil-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-Artikolu. Meta l-prattika, proċess jew ħidma ta' tidwir issir ġewwa l-Komunità, jistgħu jingħataw eżenzjonijiet lill-importaturi li jistgħu juru li ma għandhom l-ebda relazzjoni ma' produtturi li huma soġġetti għall-miżuri.

Dawn l-eżenzjonijiet għandhom jingħataw b'deċiżjoni tal-Kummissjoni wara konsultazzjoni mal-Kumitat Kunsultattiv jew b'deċiżjoni tal-Kunsill li timponi l-miżuri u għandhom jibqħu validi għall-perjodu u skond il-kondizzjonijiet hemm stabbiliti.

[…]"

4 L-Artikolu 18 tar-regolament imsemmi kien jipprovdi:

"1. F'każijiet fejn xi parti nteressata tirrifjuta l-aċċess għal, jew mod ieħor ma tipprovdix, informazzoni meħtieġa fil-limiti taż-żmien previsti f'dan ir-Regolament, jew b'mod sinifikanti timpedixxi l-investigazzjoni, ir-riżultati proviżorji jew finali, affermattivi jew negattivi, jistgħu isiru fuq il-bażi tal-fatti disponibbli.

[…]

6. Jekk parti interessata ma tikkoperax, jew tikkopera biss parzjalment, sabiex informazzjoni rilevanti tiġi b'hekk miżmuma, ir-riżultat jista jkun inqas favorevoli għall-parti milli kieku kienet ikkoperat."

Il-fatti li wasslu għall-kawża u r-regolament ikkontestat

5 Il-fatti li wasslu għall-kawża huma esposti fil-punti 1 sa 28 tas-sentenza appellata. Għall-bżonnijiet ta' din il-kawża, dawn jistgħu jinġabru b'dan il-mod.

6 Fl-14 ta' Awwissu 2012, tressqet quddiem il-Kummissjoni talba mill-Federazzjoni Ewropea tal-Fabrikanti tal-Biċikletti (EBMA), f'isem tliet produtturi ta' biċikletti tal-Unjoni, fejn din stednitha tinvestiga eventwali evażjoni, minn importazzjonijiet ta' biċikletti mill-Indonesja, mill-Malasja, mis-Sri Lanka u mit-Tuneżija, tal-miżuri antidumping stabbiliti bir-Regolament ta' Implementazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 990/2011, tat-3 ta' Ottubru 2011, li jimponi dazju antidumping definittiv fuq importazzjonijiet ta' roti li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina wara reviżjoni ta' skadenza skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament (KE) Nru 1225/2009 (ĠU 2011, L 261, p. 2).

7 Fil-25 ta' Settembru 2012, il-Kummissjoni adottat ir-Regolament (UE) Nru 875/2012 li jibda investigazzjoni rigward il-possibbiltà ta' evażjoni tal-miżuri anti-dumping imposti mir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 990/2011 fuq l-importazzjonijiet ta' roti li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina b'importazzjonijiet ta' roti kkunsinjati mill-Indonesja, il-Malasja, is-Sri Lanka u t-Tuneżija, kemm jekk iddikjarati li joriġinaw mill-Indonesja, il-Malasja, is-Sri Lanka u t-Tuneżija u kemm jekk le, u li jagħmel tali importazzjonijiet soġġetti għar-reġistrazzjoni (ĠU 2012, L 258, p. 21).

8 Fis-26 ta' Settembru 2012, il-Kummissjoni informat lil Chin Haur, li hija kumpannija stabbilita fl-Indonesja li tesporta biċikletti lejn l-Unjoni, bil-ftuħ ta' din l-investigazzjoni u kkomunikatilha formola ta' eżenzjoni skont l-Artikolu 13(4) tar-regolament bażiku. Chin Haur intalbet tirrispondi għal din il-formola sat-2 ta' Novembru 2012. Din ippreżentat ir-risposta tagħha lill-Kummissjoni fil-5 ta' Novembru 2012. Wara talbiet magħmula minn din l-istituzzjoni, Chin Haur ippreżentat dokumenti kumplimentari għal din ir-risposta fit-3 u fl-4 ta' Diċembru 2012.

9 Fis-6 u fis-7 ta' Diċembru 2012, il-Kummissjoni wettqet żjara ta' verifika fl-uffiċċji ta' Chin Haur. Dakinhar, din tal-aħħar ippreżentat lill-Kummissjoni risposta riveduta għall-formola ta' eżenzjoni.

10 Fit-28 ta' Jannar 2013, il-Kummissjoni informat lil Chin Haur bl-intenzjoni tagħha li tapplika l-Artikolu 18 tar-regolament bażiku. Chin Haur ippreżentat l-osservazzjonijiet tagħha f'dan ir-rigward fl-4 ta' Frar 2013.

11 Fil-21 ta' Marzu 2013, il-Kummissjoni bagħtet lil Chin Haur, kif ukoll lill-awtoritajiet Indonesjani u Ċiniżi, id-dokument ta' informazzjoni ġenerali li juri l-konklużjonijiet tagħha dwar operazzjonijiet ta' trasbord u ta' mmuntar u jsemmi l-intenzjoni tagħha li tipproponi l-estensjoni tal-miżuri antidumping stabbiliti fuq l-importazzjonijiet ta' roti li joriġinaw miċ-Ċina għall-importazzjonijiet li joriġinaw mill-Indonesja. B'dan id-dokument, din l-istituzzjoni ċaħdet ukoll it-talba ta' eżenzjoni ta' Chin Haur, b'mod partikolari minħabba n-nuqqas ta' affidabbiltà tal-informazzjoni ppreżentata minnha.

12 Fid-29 ta' Mejju 2013, il-Kunsill adotta r-regolament ikkontestat.

13 Fil-premessi 28 sa 33 ta' dan ir-regolament, il-Kunsill indika, essenzjalment, fir-rigward tal-livell ta' kooperazzjoni tal-kumpanniji Indonesjani, li, fost l-erba' kumpanniji Indonesjani li ppreżentaw talba għal eżenzjoni abbażi tal-Artikolu 13(4) tar-regolament bażiku, tlieta biss tqiesu li kkooperaw, u b'hekk il-konklużjonijiet li jikkonċernaw lir-raba' waħda kienu bbażati fuq l-informazzjoni disponibbli, konformement mal-Artikolu 18 tar-regolament bażiku.

14 Fil-premessa 58 tar-regolament imsemmi, il-Kunsill ikkonkluda li teżisti modifika fil-konfigurazzjoni tal-iskambji bejn l-Indoneżja u l-Unjoni, fis-sens tal-Artikolu 13(1) tar-regolament bażiku.

15 Fil-premessi 59 sa 67 tar-regolament ikkontestat, il-Kunsill studja n-natura tal-prattiki ta' evażjoni li wasslu għal din il-modifika fil-konfigurazzjoni tal-iskambji bejn dan il-pajjiż terz u l-Unjoni.

16 Fir-rigward tal-prattiki ta' trasbord, il-premessi 61, 62 u 64 ta' dan ir-regolament jindikaw:

"(61) Għal tlieta mill-erba' kumpanniji li kkooperaw inizjalment, l-investigazzjoni ma żvelat l-ebda prattiki ta' trażbord.

(62) Fir-rigward tar-raba' kumpannija, kif iddikjarat fil-premessi (29) sa (33) aktar 'il fuq, l-applikazzjoni tal-Artikolu 18 tar-regolament bażiku kienet ġustifikata. L-investigazzjoni żvelat li l-kumpannija ma kenitx tippossjedi tagħmir suffiċjenti biex jiġġustifika l-volumi tal-esportazzjonijiet lejn l-Unjoni matul il-[perijodu ta' referenza] u, għalhekk, jista' jiġi konkluż li l-kumpannija kienet involuta fi prattiċi ta' evażjoni permezz ta' trażbord.

[…]

(64) Għaldaqstant, fid-dawl tal-bidliet fix-xejriet tal-kummerċ konklużi fil-premessa (58) hawn fuq bejn l-Indoneżja u l-Unjoni skont it-tifsira tal-Artikolu 13(1) tar-regolament bażiku, is-sejbiet ta' kumpannija waħda Indoneżjana kif iddikjarat fil-premessa (61) hawn fuq, u l-fatt li mhux il-produtturi/esportaturi Indoneżjani kollha ppreżentaw ruħhom u kkooperaw, l-eżistenza ta' trażbord ta' prodotti ta' oriġini Ċiniża vija l-Indoneżja hija kkonfermata."

17 Fil-premessi 65 sa 67 tar-regolament imsemmi, il-Kunsill indika li l-eżistenza ta' operazzjonijiet ta' mmuntar, fis-sens tal-Artikolu 13(1) tar-regolament bażiku, ma ġietx stabbilita.

18 Fil-premessi 92, 96 u 102 tal-istess regolament, il-Kunsill ikkonstata, l-ewwel nett, l-assenza ta' motivazzjoni jew ta' ġustifikazzjoni ekonomika minbarra l-intenzjoni li jiġu evażi l-miżuri antidumping fis-seħħ, it-tieni nett, in-newtralizzazzjoni tal-effetti korrettivi ta' dawn il-miżuri u, it-tielet nett, l-eżistenza ta' dumping meta mqabbel mal-valur normali stabbilit preċedentement.

19 F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Kunsill ikkonkluda, fil-premessa 115 tar-regolament ikkontestat, li teżisti evażjoni, fis-sens tal-Artikolu 13(1) tar-regolament bażiku, permezz ta' operazzjonijiet ta' trasbord li jgħaddu mill-Indoneżja.

20 Skont l-Artikolu 1(1) tar-regolament ikkontestat, id-dazju antidumping definittiv ta' 48.5 %, previst fl-Artikolu 1(2) tar-Regolament ta' Implementazzjoni Nru 990/2011, ġie estiż għall-importazzjonijiet ta' biċikletti mibgħuta mill-Indoneżja, kemm jekk kienu ddikjarati bħala provenjenti minn dan il-pajjiż jew le. L-Artikolu 1(3) ta' dan ir-regolament kien jipprovdi l-ħlas tad-dazju estiż fuq dawn l-istess importazzjonijiet irreġistrati konformement mar-Regolament Nru 875/2012.

Il-proċedura quddiem il-Qorti Ġenerali u s-sentenza appellata

21 B'rikors ippreżentat fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fid-9 ta' Awwissu 2013, Chin Haur ressqet kawża intiża għall-annullament tal-Artikolu 1(1) u (3) tar-regolament ikkontestat, sa fejn dawn id-dispożizzjonijiet jikkonċernawha.

22 B'att ippreżentat fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fis-17 ta' Ottubru 2013, il-Kummissjoni talbet sabiex tintervjeni insostenn tat-talbiet tal-Kunsill. Il-President tas-Seba' Awla tal-Qorti Ġenerali laqa' t-talba għal intervent tal-Kummissjoni b'digriet tal-11 ta' Novembru 2013.

23 B'att ippreżentat fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fid-19 ta' Marzu 2014, Maxcom talbet sabiex tintervjeni insostenn tat-talbiet tal-Kunsill. Is-Seba' Awla tal-Qorti Ġenerali laqgħet din it-talba għal intervent b'digriet tas-16 ta' Novembru 2014.

24 Insostenn tar-rikors għal annullament tagħha, Chin Haur invokat tliet motivi. Fuq l-ewwel motiv, ibbażat fuq il-ksur tal-Artikolu 13(1) u tal-Artikolu 18(1) tar-regolament bażiku. Permezz tal-ewwel parti ta' dan l-aggravju, Chin Haur ikkontestat il-konklużjoni tal-Kunsill relattiva għall-eżistenza ta' modifika fil-konfigurazzjoni tal-iskambji. Permezz tat-tieni parti tal-motiv imsemmi, din poġġiet indiskussjoni l-konstatazzjoni tal-Kunsill, b'mod partikolari fil-premessa 62 tar-regolament ikkontestat, relattiva għat-twettiq ta' operazzjonijiet ta' trasbord. It-tieni motiv kien ibbażat fuq il-ksur tal-Artikolu 18 tar-regolament bażiku, tal-prinċipju ta' proporzjonalità, kif ukoll tal-obbligu ta' motivazzjoni, u kien dirett kontra l-kunsiderazzjonijiet tal-Kunsill relattivi għan-nuqqas ta' kooperazzjoni ta' Chin Haur. It-tielet motiv kien ibbażat fuq ksur tal-Artikolu 13(1) tar-regolament imsemmi u tal-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament. Dan kien dirett kontra l-kunsiderazzjonijiet tal-Kunsill relattivi għall-eżistenza ta' dumping.

25 Min-naħa tiegħu, il-Kunsill poġġa indiskussjoni l-ammissibbiltà tar-rikors għal annullament fl-intier tiegħu.

26 Permezz tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali ċaħdet l-argumenti tal-Kunsill relatati mal-ammissibbiltà tar-rikors. Fuq il-mertu, din ċaħdet bħala infondati l-ewwel parti tal-ewwel motiv kif ukoll it-tieni u t-tielet motivi invokati minn Chin Haur insostenn tar-rikors tagħha.

27 Min-naħa l-oħra, din laqgħet it-tieni parti tal-ewwel motiv. Insostenn ta' din il-parti, Chin Haur invokat tliet motivi. Fir-rigward tal-ewwel ilment, ibbażat fuq żball ta' evalwazzjoni li jolqot il-premessa 62 tar-regolament ikkontestat, il-Qorti Ġenerali, fl-ewwel lok, analizzat, fil-punti 81 sa 94 tas-sentenza appellata, il-provi kkomunikati minn Chin Haur matul l-investigazzjoni. Din ikkonkludiet li dawn il-provi ma kinux jippermettu li jintwera li din kienet effettivament esportatur ta' biċikletti Indoneżjan jew li hija kienet tissodisfa l-kriterji previsti fl-Artikolu 13(2) tar-regolament bażiku.

28 Fit-tieni lok, fil-punti 95 sa 103 ta' din is-sentenza, il-Qorti Ġenerali eżaminat il-provi li kellu għad-dispożizzjoni tiegħu l-Kunsill sabiex jikkonkludi li kien jeżisti trasbord. Din iddeċidiet, fil-punti 95 u 104 tas-sentenza msemmija, li, abbażi ta' dawn il-provi, din l-istituzzjoni ma kellhiex indizji biżżejjed sabiex tikkonkludi validament, fil-premessa 62 tar-regolament ikkontestat, li Chin Haur ma kellhiex kapaċitajiet ta' produzzjoni suffiċjenti sabiex tiġġustifika l-volumi esportati lejn l-Unjoni u li din kienet twettaq, għalhekk, operazzjonijiet ta' trasbord. F'dan ir-rigward, il-Qorti Ġenerali ppreċiżat, fil-punt 103 ta' din l-istess sentenza, li, għalkemm Chin Haur baqgħet ma pprovatx li hija kienet esportatur Indoneżjan jew li kienet tissodisfa l-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 13(2) tar-regolament bażiku, minn dan ma jistax jirriżulta li din kienet involuta f'operazzjonijiet ta' trasbord.

29 Fit-tielet lok, fil-punt 105 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali qieset li, ċertament, ma setax jiġi eskluż li, fost il-prattiki, operazzjonijiet jew ħidmiet kollha li għalihom ma teżistix motivazzjoni suffiċjenti jew ġustifikazzjoni ekonomika ħlief l-impożizzjoni tad-dazju antidumping inizjali, fis-sens tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 13(1) tar-regolament bażiku, Chin Haur kienet twettaq operazzjonijiet ta' trasbord. Madankollu, skont il-Qorti Ġenerali, il-fatt li din ma setgħetx tipprova li kienet effettivament produttur ta' biċikletti Indoneżjan jew li kienet tissodisfa l-kriterji previsti fl-Artikolu 13(2) tar-regolament bażiku ma kienx jippermetti li l-Kunsill jikkonkludi, awtomatikament, li jeżisti trasbord imwettaq minn Chin Haur, peress li tali possibbiltà b'ebda mod ma tirriżulta mir-regolament bażiku jew mill-ġurisprudenza.

30 B'hekk, il-Qorti Ġenerali kkonstatat li kellha tintlaqa' t-tieni parti tal-ewwel motiv, mingħajr il-bżonn li jiġu ttrattati l-ilmenti l-oħra ta' Chin Haur.

31 Konsegwentement, il-Qorti Ġenerali annullat l-Artikolu 1(1) u (3) tar-regolament ikkontestat, sa fejn dan jikkonċerna lil Chin Haur.

It-talbiet tal-partijiet u l-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja

32 Permezz tal-appell tagħha fil-Kawża C-247/15 P, Maxcom titlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

— tannulla s-sentenza appellata f'dak li jikkonċerna t-tieni parti tal-ewwel motiv;

— tiċħad b'mod sħiħ l-ewwel motiv invokat minn Chin Haur quddiem il-Qorti Ġenerali, u

— tikkundanna lil Chin Haur għall-ispejjeż esposti minn Maxcom fil-kuntest tal-appell u tal-intervent tagħha quddiem il-Qorti Ġenerali.

33 Permezz tal-appell tagħha fil-Kawża C-253/15 P, il-Kummissjoni titlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

— tannulla s-sentenza appellata, tiċħad ir-rikors fl-ewwel istanza u tikkundanna lil Chin Haur għall-ispejjeż, u

— sussidjarjament, tirrinvija l-kawża quddiem il-Qorti Ġenerali għal eżami mill-ġdid u tirriżerva l-ispejjeż taż-żewġ istanzi.

34 Permezz tal-appell tiegħu fil-Kawża C-259/15 P, il-Kunsill jitlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

— tannulla s-sentenza appellata, tiċħad ir-rikors fl-ewwel istanza u tikkundanna lil Chin Haur għall-ispejjeż esposti mill-Kunsill fil-kuntest taż-żewġ istanzi, u

— sussidjarjament, tirrinvija l-kawża quddiem il-Qorti Ġenerali għal eżami mill-ġdid u tirriżerva l-ispejjeż taż-żewġ istanzi.

35 Fir-risposti tagħha, ippreżentata fil-Kawżi magħquda C-247/15 P, C-253/15 P u C-259/15 P, Chin Haur titlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

— tiċħad b'mod sħiħ l-appelli kontra s-sentenza appellata.

— sussidjarjament, tannulla parzjalment l-Artikolu 1(1) u (3) tar-regolament ikkontestat, sa fejn dawn id-dispożizzjonijiet jestendu d-dazju antidumping stabbilit fuq l-importazzjonijiet ta' biċikletti li joriġinaw miċ-Ċina fuq Chin Haur u jiċħdu t-talba għal eżenzjoni ta' din tal-aħħar;

— tikkundanna lil Maxcon, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni għall-ispejjeż esposti minn Chin Haur fil-kuntest taż-żewġ istanzi, u

— tieħu kull miżura oħra li l-Qorti tal-Ġustizzja jidhrilha xierqa.

36 Permezz ta' deċiżjoni tal-President tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-4 ta' Awwissu 2015, il-Kawżi C-247/15 P, C-253/15 P u C-259/15 P ingħaqdu flimkien għall-finijiet tal-proċedura bil-miktub u orali, kif ukoll tas-sentenza.

Fuq l-appelli

37 L-aggravji invokati minn Maxcom, mill-Kunsill u mill-Kummissjoni insostenn tal-appelli rispettivi tagħhom huma kollha intiżi biex jikkontestaw il-konstatazzjoni tal-Qorti Ġenerali li tgħid li l-Kunsill ma setax jikkonkludi li jeżisti trasbord min-naħa ta' Chin Haur, li abbażi tagħha din il-qorti laqgħet ir-rikors u parzjalment annullat ir-regolament ikkontestat. Dawn l-aggravji jikkoinċidu ħafna u jistgħu, essenzjalment, jingħabru fi tliet gruppi.

38 L-ewwel nett, Maxcom, il-Kunsill u l-Kummissjoni josservaw, essenzjalment, li l-Qorti Ġenerali wettqet diversi żbalji ta' liġi fl-applikazzjoni tal-Artikolu 13(1) tar-regolament bażiku. It-tieni nett, il-Kunsill u l-Kummissjoni jallegaw li s-sentenza appellata hija vvizzjata b'nuqqas ta' motivazzjoni u b'motivazzjoni kontradittorja. Il-Kunsill josserva wkoll li l-Qorti Ġenerali żnaturat il-fatti sottomessi lilha. It-tielet nett, il-Kummissjoni tqis li l-Qorti Ġenerali kisret id-drittijiet proċedurali tagħha.

L-argumenti tal-partijiet

39 L-ewwel grupp ta' aggravji huwa dirett kontra l-punti 95 sa 105 tas-sentenza appellata. Maxcom, il-Kunsill u l-Kummissjoni jqisu, essenzjalment, li dawn il-punti huma vvizzjati bi żbalji ta' liġi, sa fejn il-Qorti Ġenerali ma applikatx korrettament l-Artikolu 13(1) tar-regolament bażiku.

40 Fl-ewwel lok, Maxcom u l-Kummissjoni jilmentaw talli l-Qorti Ġenerali ddeċidiet li l-Kunsill ma setax jikkonkludi li jeżisti trasbord imwettaq minn Chin Haur abbażi tal-konstatazzjoni li din tal-aħħar ma kinitx produttur reali ta' biċikletti Indoneżjan u li din ma kinitx twettaq operazzjonijiet ta' assemblaġġ li jaqbżu l-limiti minimi ffissati fl-Artikolu 13(2) tar-regolament bażiku. Issa, l-ewwel nett, skont Maxcom, f'sitwazzjonijiet bħal dawk inkwistjoni f'din il-kawża fejn Chin Haur importat partijiet ta' oriġini Ċiniża u esportat biċikletti lejn l-Unjoni mingħajr ma pprovat li hija produttur jew li l-operazzjonijiet ta' assemblaġġ tagħha jaqbżu l-limiti minimi ffissati fl-Artikolu 13(2) ta' dan ir-regolament, huwa possibbli li jiġi konkluż li jeżisti trasbord. It-tieni nett, Maxcom tqis li l-Qorti Ġenerali "tirrikompensa" lil Chin Haur talli pprovdiet informazzjoni mhux kompluta, kontradittorja u mhux verifikabbli. It-tielet nett, Maxcom tindika li l-evalwazzjoni tal-Qorti Ġenerali ma hija konformi la mal-għan tar-regolament bażiku u lanqas mal-ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja li abbażi tagħha l-istituzzjonijiet tal-Unjoni inkarigati bit-tmexxija tal-investigazzjonijiet antidumping u bl-adozzjoni tal-miżuri antidumping (iktar 'il quddiem l-"istituzzjonijiet tal-Unjoni") igawdu minn setgħa diskrezzjonali wiesgħa fil-kuntest ta' dawn l-investigazzjonijiet.

41 Fit-tieni lok, il-Kunsill u l-Kummissjoni jsostnu li l-Qorti Ġenerali, b'mod żbaljat, eżiġiet li l-istituzzjonijiet tal-Unjoni jistabbilixxu li kull produttur-esportatur fil-pajjiż li huwa s-suġġett tal-investigazzjoni jwettaq prattiki ta' trasbord, u b'hekk operat qlib tal-oneru tal-prova. Fil-fatt, l-ewwel nett, l-Artikolu 13(1) tar-regolament bażiku jimponi fuq l-istituzzjonijiet tal-Unjoni li jwettqu analiżi fuq livell tal-pajjiż, u mhux fuq livell tal-esportaturi individwali, fejn din l-aħħar analiżi hija l-oneru tal-produtturi-esportaturi. It-tieni nett, tali interpretazzjoni tneħħi kull sens mill-Artikolu 13(4) tar-regolament bażiku. It-tielet nett, il-Qorti Ġenerali ħawdet il-kunċett ta' "prattika ta' evażjoni" ma' waħda mal-manifestazzjonijiet tiegħu, jiġifieri t-trasbord. Ir-raba' nett, il-ħtieġa ta' konstatazzjoni ta' trasbord individwali jikser il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, li tgħid li l-istituzzjonijiet tal-Unjoni għandhom marġni ta' diskrezzjoni wiesa' biex jistabbilixxu l-eżistenza ta' evażjoni. Il-ħames nett, il-Qorti Ġenerali adottat, fil-kuntest tal-evalwazzjoni tad-diversi motivi għall-annullament li tressqu quddiemha, interpretazzjonijiet manifestament kontradittorji tal-kunċett ta' "prattika ta' evażjoni".

42 Fit-tielet lok, Maxcom, il-Kunsill u l-Kummissjoni jsostnu li, anki kieku l-konklużjonijiet tal-Kunsill relattivi għall-eżistenza ta' trasbord huma żbaljati, madankollu l-annullament tar-regolament ikkontestat ma jkunx iġġustifikat. Fil-fatt, skont Maxcom, skont ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, żball ta' liġi jiġġustifika l-annullament tal-att ikkonċernat biss jekk, fin-nuqqas ta' dan

l-iżball, ir-riżultat tal-evalwazzjoni globali kien ikun differenti. Barra minn hekk, il-Kunsill u l-Kummissjoni jfakkru li s-sentenza appellata tpoġġi indiskussjoni l-premessa 62 ta' dan ir-regolament, li tikkonċerna speċifikament lil Chin Haur. Issa, mill-premessi 63 u 64 tar-regolament imsemmi jirriżulta li l-konstatazzjoni tal-eżistenza ta' prattiki ta' trasbord mill-Indoneżja ma hijiex ibbażata unikament fuq il-konstatazzjoni li tgħid li Chin Haur kienet twettaq tali prattiki. Għalhekk, il-Kummissjoni ssostni li, anki kieku l-Kunsill kien wettaq żball ta' liġi meta sostna li Chin Haur kienet involuta f'operazzjonijiet ta' trasbord, dan kellu d-dritt li jikkonkludi, abbażi tal-provi relattivi għall-produtturi-esportaturi Indoneżjani l-oħra u għall-bidla fil-konfigurazzjoni tal-iskambji, li kien seħħ trasbord fl-Indoneżja.

43 Chin Haur tikkontesta dawn l-argumenti.

44 Preliminarjament, Chin Haur tosserva li, sa fejn l-argumenti ta' Maxcom, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni jpoġġu indiskussjoni l-konklużjoni tal-Qorti Ġenerali li tgħid li ma kienx hemm provi suffiċjenti dwar l-eżistenza ta' operazzjonijiet ta' trasbord min-naħa tagħha, dawn l-argumenti jirrigwardaw l-evalwazzjoni tal-fatti magħmula mill-Qorti Ġenerali u b'hekk għandhom jiġu miċħuda bħala inammissibbli.

45 Prinċipalment, Chin Haur issostni, fl-ewwel lok, li Maxcom, il-Kunsill u l-Kummissjoni ma jifhmux il-portata tal-konklużjonijiet tal-Qorti Ġenerali. L-ewwel nett, fis-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali tillimita ruħha biex issostni li l-oneru tal-prova tal-eżistenza ta' trasbord jinsab fuq l-istituzzjonijiet tal-Unjoni u osservat li, f'dan il-każ, dawn l-istituzzjonijiet ma ssodisfawx dan l-oneru tal-prova. Il-Kunsill u l-Kummissjoni jipprovaw jevadu din ir-regola proċedurali billi jagħmlu distinzjoni bejn l-evalwazzjoni tal-evażjoni fuq il-livell tal-pajjiż, li għaliha l-oneru tal-prova jistrieħ fuq il-Kunsill, u fuq il-livell tal-esportatur, li għaliha l-oneru tal-prova jistrieħ fuq l-esportatur. Dan l-approċċ huwa irrilevanti f'dan il-każ, għaliex il-Kunsill stess għaqqad flimkien iż-żewġ evalwazzjonijiet fir-regolament ikkontestat.

46 It-tieni nett, Chin Haur tosserva li, kuntrarjament għal dak li jsostnu l-Kunsill u l-Kummissjoni, il-Qorti Ġenerali ma tiddeċidix li l-istituzzjonijiet tal-Unjoni għandhom jistabbilixxu jekk kull produttur-esportatur individwali jwettaqx operazzjonijiet ta' trasbord. Il-Qorti Ġenerali teżiġi biss li dawn l-istituzzjonijiet iġibu l-prova ta' dak li jallegaw, jiġifieri li l-biċikletti huma suġġetti għal trasbord mill-Indoneżja għaliex xi roti esportati minn Chin Haur huma suġġetti għal trasbord.

47 It-tielet nett, Chin Haur hija tal-fehma li, għalkemm il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet, fis-sentenza Simon, Evers & Co. (C-21/13, EU:C:2014:2154), li, fil-każ ta' nuqqas ta' kooperazzjoni, l-istituzzjonijiet tal-Unjoni huma awtorizzati li jibbażaw ruħhom fuq firxa ta' indizji konkordanti, f'dan il-każ, dawn l-istituzzjonijiet ma kellhomx tali firxa f'dak li jirrigwarda l-eżistenza ta' trasbord.

48 Ir-raba' nett, Chin Haur tosserva li l-affermazzjoni li tgħid li l-Qorti Ġenerali ħawdet il-kunċett ta' "prattika ta' evażjoni" ma' waħda mal-manifestazzjonijiet tiegħu, jiġifieri t-trasbord, ma tagħmilx sens. Jekk il-Qorti Ġenerali annullat ir-regolament ikkontestat minħabba li l-istituzzjonijiet tal-Unjoni ma kinux stabbilixxew l-eżistenza ta' trasbord, dan kien għaliex it-trasbord huwa l-unika prattika ta' evażjoni li, skont l-istituzzjonijiet imsemmija, kienet teżisti fl-Indoneżja.

49 Fit-tieni lok, Chin Haur tqis li l-Qorti Ġenerali kienet fondata li tannulla r-regolament ikkontestat minħabba li l-Kunsill ma kienx ikkonstata validament l-eżistenza ta' operazzjonijiet ta' trasbord li kienet twettaq Chin Haur. Fil-fatt, kuntrarjament għal dak li jsostnu Maxcom, il-Kunsill u l-Kummissjoni, il-Kunsill bl-ebda mod ma kkonstata, fir-regolament ikkontestat, li produtturi Indoneżjani differenti minn Chin Haur kienu jwettqu operazzjonijiet ta' trasbord. L-unika konstatazzjoni li tinsab fir-regolament ikkontestat hija li xi produtturi, li jirrappreżentaw parti żgħira mill-produzzjoni totali ta' biċikletti, ma kinux ikkooperaw. Fir-rigward tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, xejn ma jawtorizza lill-Kunsill jew lill-Kummissjoni li jiddeduċu l-eżistenza ta' trasbord mis-sempliċi nuqqas ta' kooperazzjoni ta' produtturi-esportaturi individwali.

Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

Fuq l-ammissibbiltà

50 Għandu jitfakkar li, skont ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, din ma hijiex kompetenti sabiex tikkonstata l-fatti u lanqas, bħala prinċipju, sabiex teżamina l-provi li l-Qorti Ġenerali qieset insostenn ta' dawn il-fatti. Fil-fatt, ladarba dawn il-provi jkunu nkisbu b'mod regolari, u l-prinċipji ġenerali tal-liġi kif ukoll ir-regoli ta' proċedura applikabbli fir-rigward tal-oneru u tal-amministrazzjoni tal-prova jkunu ġew osservati, hija biss il-Qorti Ġenerali li tista' tevalwa l-valur li għandu jingħata lill-provi li jkunu tressqu quddiemha. Din l-evalwazzjoni għalhekk ma tikkostitwixxix, ħlief fil-każ tal-iżnaturament ta' dawn il-provi, punt ta' liġi suġġetta, bħala tali, għall-istħarriġ tal-Qorti tal-Ġustizzja.

51 Madankollu, l-allegat ksur tar-regoli applikabbli fil-qasam tal-provi jikkostitwixxi kwistjoni ta' liġi li huwa ammissibbli fl-istadju tal-appell (sentenza tal-10 ta' Lulju 2008, Bertelsmann u Sony Corporation of America vs Impala, C-413/06 P, EU:C:2008:392, punt 44).

52 Issa, permezz tal-ilmenti li dawn jinvokaw insostenn ta' dan il-grupp ta' aggravji, Maxcom, il-Kunsill u l-Kummissjoni jilmentaw, essenzjalment, li l-Qorti Ġenerali kisret ir-regoli relattivi għall-oneru tal-prova kif ukoll għal-livell ta' prova meħtieġ biex tintwera l-eżistenza ta' evażjoni, skont l-Artikolu 13(1) tar-regolament bażiku. Għalhekk, l-argument imqajjem minn Chin Haur dwar l-inammissibbiltà ta' dan il-grupp ta' aggravji ma jistax jintlaqa'.

Fuq il-mertu

– Osservazzjonijiet preliminari

53 L-ilmenti mqajma minn Maxcom, mill-Kunsill u mill-Kummissjoni fil-kuntest tal-ewwel grupp ta' aggravji jolqtu kollha l-kwistjoni tal-oneru tal-prova kif ukoll dik tal-livell tal-prova meħtieġ fil-qasam tal-evażjoni, f'ċirkustanzi fejn parti mill-produtturi-esportaturi kkonċernati ma tkunx ikkooperat fl-investigazzjoni jew ma tkunx ikkooperat fiha b'mod sodisfaċenti.

54 F'dan ir-rigward, qabel kollox, għandu jitfakkar li, skont ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, fil-qasam tal-politika kummerċjali komuni, u b'mod partikolari fir-rigward tal-miżuri ta' protezzjoni tal-kummerċ, l-istituzzjonijiet tal-Unjoni għandhom setgħa diskrezzjonali wiesgħa minħabba l-kumplessità tas-sitwazzjonijiet ekonomiċi, politiċi u legali li għandhom jeżaminaw. Fir-rigward tal-istħarriġ ġudizzjarju ta' tali evalwazzjoni, dan għandu għalhekk ikun limitat għall-verifika tal-osservanza tar-regoli tal-proċedura, tal-preċiżjoni materjali tal-fatti kkunsidrati sabiex saret l-għażla kkontestata, tal-assenza ta' żball manifest fl-evalwazzjoni ta' dawn il-fatti, jew tal-assenza ta' użu ħażin ta' poter (ara s-sentenza tas-16 ta' Frar 2012, Il-Kunsill u Il-Kummissjoni vs Interpipe Niko Tube u Interpipe NTRP, C-191/09 P u C-200/09 P, EU:C:2012:78, punt 63 u l-ġurisprudenza ċċitata).

55 Sussegwentement, fir-rigward tal-oneru tal-prova tal-evażjoni, skont l-Artikolu 13(1) tar-regolament bażiku, l-eżistenza ta' evażjoni tal-miżuri antidumping tiġi stabbilita meta jiġu sodisfatti erba' kundizzjonijiet. L-ewwel nett, għandu jkun hemm bidla fil-konfigurazzjoni tal-iskambji bejn pajjiż terz u l-Unjoni, jew bejn kumpanniji tal-pajjiż suġġett għall-miżuri tal-Unjoni. It-tieni nett, din il-bidla għandha tirriżulta minn prattika, proċess jew ħidma li għalihom ma kienx hemm raġuni jew ġustifikazzjoni ekonomika suffiċjenti għajr l-impożizzjoni tad-dazju. It-tielet nett, għandhom ikunu jeżistu provi li juru li l-industrija tal-Unjoni ssofri dannu jew li l-effetti korrettivi tad-dazju antidumping huma kompromessi. Ir-raba' nett, għandhom ikunu jeżistu provi tal-eżistenza ta' dumping.

56 Skont l-Artikolu 13(3) ta' dan ir-regolament, hija l-Kummissjoni li għandha tibda investigazzjoni abbażi tal-provi li minnhom jirriżulta, *prima facie*, li hemm prattiki ta' evażjoni. Skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, din id-dispożizzjoni tistabbilixxi l-prinċipju li jgħid li l-oneru tal-prova ta' evażjoni jinsab fuq l-istituzzjonijiet tal-Unjoni (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-4 ta' Settembru 2014, Simon, Evers & Co., C-21/13, EU:C:2014:2154, punt 35).

57 Barra minn hekk, mit-termini u mill-istruttura tal-Artikolu 13 tar-regolament bażiku jirriżulta li, sabiex tiġi stabbilita l-eżistenza ta' evażjoni, huma dawn l-istituzzjonijiet li għandhom iwettqu evalwazzjoni globali, fir-rigward tal-pajjiż terz ikkonċernat mill-investigazzjoni relattiva għall-evażjoni fl-intier tagħha. Min-naħa l-oħra, dawn ma għandhomx, għall-finijiet li jipprovaw tali evażjoni, iwettqu analiżi tas-sitwazzjoni ta' kull produttur-esportatur individwali, peress li din l-analiżi għandha ssir mill-imsemmija produtturi-esportaturi individwali, fil-kuntest tat-talbiet ifformulati skont l-Artikolu 13(4) ta' dan ir-regolament.

58 Fil-fatt, l-Artikolu 13(1) tar-regolament bażiku jipprovdi li, meta l-eżistenza ta' evażjoni tal-miżuri antidumping tiġi stabbilita, dawn il-miżuri jistgħu b'mod partikolari jiġu estiżi għall-importazzjonijiet ta' prodotti simili provenjenti minn pajjiżi terzi. Barra minn hekk, l-Artikolu 13(4) ta' dan ir-regolament jipprevedi l-possibbiltà għall-produtturi-esportaturi stabbiliti f'dan il-pajjiż terz li jiksbu eżenzjonijiet jekk ikunu fformulaw talba f'dan is-sens, jekk ma jkunux marbuta ma' produttur-esportatur suġġett għall-miżuri msemmija u jekk jipprovaw li huma ma kinux iwettqu prattiki ta' evażjoni. Din id-dispożizzjoni tippreċiża li t-talbiet għal eżenzjoni għandhom ikunu debitament immotivati.

59 B'hekk, kif jirrilevaw il-Kunsill u l-Kummissjoni, konformement mal-Artikolu 13(1) tar-regolament bażiku, il-konstatazzjoni tal-eżistenza ta' evażjoni tal-miżuri antidumping tiġi stabbilita mill-istituzzjonijiet tal-Unjoni għall-pajjiż terz imsemmi kollu, filwaqt li huwa kull produttur-esportatur individwali li għandu jipprova li s-sitwazzjoni speċifika tiegħu tiġġustifika l-għoti ta' eżenzjoni skont l-Artikolu 13(4) ta' dan ir-regolament.

60 Finalment, fir-rigward tal-livell ta' prova meħtieġ biex tiġi pprovata l-eżistenza ta' evażjoni fil-każ ta' kooperazzjoni insuffiċjenti jew ineżistenti minn parti mill-produtturi-esportaturi, għandu jitfakkar li ebda dispożizzjoni tar-regolament bażiku ma tagħti lill-Kummissjoni, fil-kuntest ta' investigazzjoni fuq l-eżistenza ta' evażjoni, is-setgħa li ġġiegħel lill-produtturi jew lill-esportaturi kkonċernati minn ilment jipparteċipaw fl-investigazzjoni jew jipproduċu informazzjoni. B'hekk, il-Kummissjoni tiddependi mill-kooperazzjoni volontarja tal-partijiet interessati biex jagħtuha l-informazzjoni neċessarja (sentenza tal-4 ta' Settembru 2014, Simon, Evers & Co., C-21/13, EU:C:2014:2154, punt 32).

61 Din hija r-raġuni għalfejn il-leġiżlatur tal-Unjoni ppreveda fl-Artikolu 18(1) tar-regolament bażiku li, meta parti kkonċernata tirrifjuta l-aċċess għall-informazzjoni neċessarja, jew inkella ma tagħtix l-informazzjoni neċessarja jew timpedixxi b'mod sinjifikattiv l-investigazzjoni, il-konklużjonijiet preliminari jew finali, affirmattivi jew negattivi, jistgħu jiġu stabbiliti fuq il-bażi tal-informazzjoni disponibbli (sentenza tal-4 ta' Settembru 2014, Simon, Evers & Co., C-21/13, EU:C:2014:2154, punt 33).

62 Barra minn hekk, l-Artikolu 18(6) tal-istess regolament jispeċifika li, jekk parti kkonċernata ma tikkooperax, jew tikkoopera biss parzjalment, u meta, minħabba f'hekk, tinżamm xi informazzjoni rilevanti, ir-riżultat jista' jkun inqas favorevoli għal dik il-parti milli kieku kienet ikkooperat.

63 F'ċirkustanzi li huma kkaratterizzati minn nuqqas totali ta' kooperazzjoni mill-produtturi-esportaturi, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li, għalkemm huwa minnu li r-regolament bażiku, b'mod partikolari l-Artikolu 13(3) tiegħu, jistabbilixxi l-prinċipju li jgħid li huma l-istituzzjonijiet tal-Unjoni li għandhom l-oneru li jippruvaw evażjoni, il-paragrafi (1) u (6) tal-Artikolu 18 ta' dan ir-regolament huma intiżi biex itaffu b'mod ċar l-oneru msemmi, billi jipprovdu li dawn l-istituzzjonijiet jistgħu jibbażaw il-konklużjonijiet ta' investigazzjoni dwar l-eżistenza ta' evażjoni fuq id-data disponibbli u li hemm

ir-riskju li l-partijiet li ma kkooperawx fl-investigazzjoni jsibu ruħhom f'sitwazzjoni inqas favorevoli milli kieku kienu kkooperaw fl-investigazzjoni msemmija (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-4 ta' Settembru 2014, Simon, Evers & Co., C-21/13, EU:C:2014:2154, punt 35).

64 F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat li mill-Artikolu 18 tar-regolament bażiku jirriżulta li l-leġiżlatur tal-Unjoni ma riedx jistabbilixxi preżunzjoni legali li tippermetti li min-nuqqas ta' kooperazzjoni tal-partijiet interessati jew ikkonċernati tiġi dedotta direttament l-eżistenza ta' evażjoni u, għalhekk, jeħles lill-istituzzjonijiet tal-Unjoni minn kull rekwiżit ta' prova. Madankollu, fid-dawl tal-possibbiltà li jiġu stabbiliti konklużjonijiet, anki definittivi, abbażi tal-informazzjoni disponibbli u li l-parti li ma tikkooperax jew li tikkoopera biss parzjalment tiġi ttrattata b'mod inqas favorevoli milli kieku tkun ikkooperat, huwa daqstant evidenti li l-istituzzjonijiet tal-Unjoni huma awtorizzati li jibbażaw ruħhom fuq sensiela ta' indizji konkordanti li tippermetti li jiġi deċiż li kienet teżisti evażjoni fis-sens tal-Artikolu 13(1) tar-regolament bażiku (sentenza tal-4 ta' Settembru 2014, Simon, Evers & Co., C-21/13, EU:C:2014:2154, punt 36).

65 Kull soluzzjoni oħra tkun tinvolvi r-riskju li l-effettività tal-miżuri ta' difiża kummerċjali tal-Unjoni tiġi kompromessa kull darba li l-istituzzjonijiet tal-Unjoni jkunu affaċċjati b'rifjut ta' kooperazzjoni fil-kuntest ta' investigazzjoni intiża sabiex tiġi stabbilita l-eżistenza ta' evażjoni (sentenza tal-4 ta' Settembru 2014, Simon, Evers & Co., C-21/13, EU:C:2014:2154, punt 37).

66 F'dan il-każ, in-nuqqas ta' kooperazzjoni jikkonċerna biss lil parti mill-produtturi-esportaturi, u mhux kollha. Issa, minn naħa, il-kliem tal-Artikolu 13(1) tar-regolament bażiku ma jipprekludix li l-istituzzjonijiet tal-Unjoni jkunu jistgħu jikkonstataw l-eżistenza ta' evażjoni tal-miżuri antidumping billi jibbażaw ruħhom fuq sensiela ta' indizji konkordanti fil-każ fejn xi produtturi-esportaturi li jirrappreżentaw lil parti sinjifikanti mill-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat fl-Unjoni ma jkunux ikkooperaw jew ma jkunux ikkooperaw biżżejjed fl-investigazzjoni. Min-naħa l-oħra, il-ħtieġa li tiġi żgurata l-effettività tal-miżuri ta' difiża kummerċjali tiġġustifika wkoll, f'ċirkustanzi bħal dawk f'dan il-każ, li l-istituzzjonijiet imsemmija jkunu awtorizzati jibbażaw ruħhom fuq sensiela ta' indizji konkordanti biex jikkonkludu li teżisti evażjoni, fis-sens ta' din id-dispożizzjoni.

67 Għalkemm l-istituzzjonijiet tal-Unjoni huma awtorizzati li jibbażaw ruħhom fuq tali sensiela ta' indizji, xorta jibqa' l-fatt li, abbażi tal-Artikolu 13(1) u (3) tar-regolament bażiku, dawn l-indizji għandhom ikunu jistgħu jipprovaw li l-erba' kundizzjonijiet imsemmija fil-punt 55 ta' din is-sentenza huma sodisfatti. B'hekk, fir-rigward tat-tieni minn dawn il-kundizzjonijiet, dawn l-istituzzjonijiet għandu jkollhom provi li jistgħu jistabbilixxu li l-bidla fix-xejra tal-kummerċ tirriżulta minn prattiki, proċessi jew ħidma li għalihom ma hemmx raġuni suffiċjenti jew ġustifikazzjoni ekonomika oħra għajr dik tal-impożizzjoni tad-dazju.

– Fuq l-iżbalji ta' liġi fl-applikazzjoni tal-Artikolu 13(1) tar-regolament bażiku

68 Huwa fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti li għandu jiġi ddeterminat jekk, kif isostnu Maxcom, il-Kunsill u l-Kummissjoni, ir-raġunament tal-Qorti Ġenerali huwiex ivvizzjat minn żbalji ta' liġi fl-applikazzjoni tal-Artikolu 13(1) tar-regolament bażiku, sa fejn din iddeċidiet, fil-punt 105 tas-sentenza appellata, li l-Kunsill ma setax jikkonkludi li jeżisti trasbord min-naħa ta' Chin Haur u, sussegwentement, laqgħet ir-rikors u annullat l-Artikolu 1(1) u (3) tar-regolament ikkontestat sa fejn dan kien jikkonċerna lil din il-kumpannija.

69 Essenzjalment, Maxcom, il-Kunsill u l-Kummissjoni josservaw, l-ewwel nett, li, kuntrarjament għal dak li ssostni l-Qorti Ġenerali, il-Kunsill seta', ġustament, jikkonkludi li jeżisti trasbord mill-konstatazzjoni li Chin Haur ma kinitx produttur reali ta' biċikletti Indoneżjan u li din ma kinitx twettaq operazzjonijiet ta' assemblaġġ li jaqbżu l-limiti minimi ffissati fl-Artikolu 13(2) tar-regolament bażiku. Fit-tieni lok, dawn jilmentaw li l-Qorti Ġenerali eżiġiet li l-istituzzjonijiet tal-Unjoni jistabbilixxu li kull produttur-esportatur fil-pajjiż li huwa s-suġġett tal-investigazzjoni jwettaq prattiki ta' trasbord, u b'hekk

operat qlib tal-oneru tal-prova. Fit-tielet lok, dawn isostnu li, anki kieku l-konklużjonijiet tal-Kunsill relattivi għall-eżistenza ta' trasbord huma żbaljati, madankollu l-annullament tar-regolament ikkontestat ma kienx iġġustifikat.

70 B'dawn l-argumenti, Maxcom, il-Kunsill u l-Kummissjoni jpoġġu indiskussjoni r-raġunament tal-Qorti Ġenerali, li jinsab fil-punti 95 sa 105 tas-sentenza appellata. Fiha, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet li l-Kunsill ma kellux indizji biżżejjed sabiex jikkonkludi, fil-premessa 62 tar-regolament ikkontestat, li Chin Haur ma kellhiex kapaċitajiet ta' produzzjoni suffiċjenti sabiex tiġġustifika l-volumi esportati lejn l-Unjoni u li din kienet twettaq, għalhekk, operazzjonijiet ta' trasbord. Din il-konstatazzjoni hija bbażata fuq konstatazzjoni doppja. Minn naħa, il-Qorti Ġenerali, fil-punti 96 sa 102 ta' din is-sentenza, twettaq eżami fil-fond tal-indizji li kellu l-Kunsill u kkonstatat, fl-aħħar ta' dan l-eżami, li dawn l-indizji ma kinux juru l-eżistenza ta' trasbord. Min-naħa l-oħra, fil-punt 103 tas-sentenza msemmija, il-Qorti Ġenerali rrilevat li l-Kunsill ibbaża r-raġunament tiegħu wkoll fuq il-fatt li Chin Haur baqgħet ma pprovdietx il-provi li juru li hija kienet tabilħaqq produttur Indoneżjan jew li hija kienet tissodisfa l-kriterji previsti fl-Artikolu 13(2) tar-regolament bażiku. Issa, skont il-Qorti Ġenerali, minn din il-konstatazzjoni ma jistax jirriżulta li Chin Haur kienet twettaq operazzjonijiet ta' trasbord.

71 Fl-ewwel lok, fir-rigward tal-argument relattiv għall-ħtieġa ta' analiżi individwali tal-operazzjonijiet ta' trasbord li għandhom jiġu eżaminati qabel kollox, mill-punt preċedenti ta' din is-sentenza jirriżulta li l-annullament parzjali deċiż mill-Qorti Ġenerali huwa bbażat fuq il-konstatazzjoni ta' żball li jolqot il-premessa 62 tar-regolament ikkontestat, b'mod speċifiku fir-rigward tal-operazzjonijiet ta' trasbord li allegatament wettqet Chin Haur. Din il-premessa 62 tinsab f'taqsima ta' dan ir-regolament, intitolata "trażbord", iddedikata għat-tieni mill-erba' kundizzjonijiet deskritti fil-punt 55 ta' din is-sentenza.

72 F'din it-taqsima, il-Kunsill, qabel kollox, indika, fil-premessa 61 tar-regolament ikkontestat, li għal tlieta mill-erba' kumpanniji li kkooperaw inizjalment, l-investigazzjoni ma żvelat l-ebda prattiki ta' trasbord. Sussegwentement, fil-premessa 62 ta' dan ir-regolament, il-Kunsill qies li, f'dak li jikkonċerna lir-raba' kumpannija, jiġifieri Chin Haur, l-applikazzjoni tal-Artikolu 18 tar-regolament bażiku kienet ġustifikata. Barra minn hekk, dan ippreċiża li l-investigazzjoni kienet irrivelat li din il-kumpannija ma kellhiex biżżejjed apparat biex tiġġustifika l-volumi ta' esportazzjoni lejn l-Unjoni matul il-perijodu ta' referenza. Il-Kunsill żied li, fin-nuqqas ta' ġustifikazzjoni oħra, seta' jiġi konkluż li l-kumpannija msemmija kienet involuta fi prattiki ta' evażjoni permezz ta' operazzjonijiet ta' trasbord. Finalment, fil-premessa 64 tar-regolament ikkontestat, il-Kunsill qies li l-eżistenza ta' prattiki ta' trasbord ta' prodotti li joriġinaw miċ-Ċina li jgħaddu mill-Indoneżja kienet ikkonfermata. Dan ibbaża ruħu, f'dan ir-rigward, fuq il-konklużjoni li tinsab fil-premessa 58 ta' dan ir-regolament, dwar l-eżistenza ta' bidla fil-konfigurazzjoni tal-iskambji bejn l-Indoneżja u l-Unjoni, fuq il-konstatazzjonijiet ippreżentati fil-premessa 62 tar-regolament ikkontestat fir-rigward ta' Chin Haur u fuq il-fatt li l-produtturi-esportaturi Indoneżjani ma kinux identifikaw ruħhom kollha u ma kinux ikkooperaw kollha.

73 B'dan l-aġir, hekk kif enfasizza l-Avukat Ġenerali fil-punt 57 tal-konklużjonijiet tiegħu, sabiex jipprova li t-tieni mill-erba' kundizzjonijiet deskritti fil-punt 55 ta' din is-sentenza kienet sodisfatta, il-Kunsill ibbaża ruħu b'mod partikolari fuq provi relattivi għal Chin Haur, bħala produttur-esportatur individwali, biex isostni l-konklużjoni tiegħu relattiva għall-Indoneżja fl-intier tagħha.

74 F'dawn iċ-ċirkustanzi, għandu jiġi kkonstatat, skont Chin Haur, li l-Qorti Ġenerali, meta annullat parzjalment ir-regolament ikkontestat minħabba l-irregolarità li tolqot il-premessa 62 tar-regolament ikkontestat, ma ħtiġietx mingħand l-istituzzjonijiet tal-Unjoni li jistabbilixxu li kull produttur-esportatur individwali jwettaq operazzjonijiet ta' trasbord, u lanqas ma dawret l-oneru tal-prova. Il-Qorti Ġenerali llimitat ruħha biex tieħu inkunsiderazzjoni l-fatt li l-konstatazzjoni tal-eżistenza ta' operazzjonijiet ta' trasbord fuq livell tal-pajjiż, li tinsab fil-premessa 64 ta' dan ir-regolament, kienet b'mod partikolari bbażata fuq dik li tikkonċerna lil Chin Haur, li tinsab fil-premessa 62 tar-regolament imsemmi, li kienet tikkunsidra b'mod impliċitu li l-illegalità li tolqot lill-ewwel minn dawn il-konstatazzjonijiet kienet twassal għall-illegalità tat-tieni.

75 B'hekk, ma jistax jitqies li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi f'dan ir-rigward. B'hekk, l-argument preżenti għandu jiġi miċħud bħala infondat.

76 Fit-tieni lok, fir-rigward tal-iżbalji ta' liġi li jivvizzjaw il-konklużjoni tal-Qorti Ġenerali fir-rigward tal-premessa 62 tar-regolament ikkontestat, għandu jiġi vverifikat jekk il-konstatazzjoni doppja, imsemmija fil-punt 70 ta' din is-sentenza, li bbażat ruħha fuqha din il-qorti sabiex tasal għal din il-konklużjoni, hijiex ibbażata fuq applikazzjoni żbaljata fil-liġi tal-Artikolu 13(1) tar-regolament bażiku.

77 L-ewwel nett, huwa minnu li, kif irrilevat il-Qorti Ġenerali fil-punt 103 tas-sentenza appellata, mis-sempliċi fatt li Chin Haur baqgħet ma pprovatx li hija kienet produttur ta' biċikletti Indoneżjan jew li kienet tissodisfa l-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 13(2) tar-regolament bażiku, ma jistax jirriżulta li din il-kumpannija kienet involuta f'operazzjonijiet ta' trasbord.

78 Fil-fatt, hekk kif jirriżulta mill-punti 64 u 67 ta' din is-sentenza, minn naħa, ma teżisti ebda preżunzjoni legali li tippermetti li jiġi dedott, direttament min-nuqqas ta' kooperazzjoni minn parti interessata, l-eżistenza ta' evażjoni tal-miżuri antidumping u, min-naħa l-oħra, l-istituzzjonijiet għandu jkollhom provi li jistgħu jistabbilixxu li l-bidla fix-xejra tal-kummerċ tirriżulta minn prattiki, proċessi jew ħidma li għalihom ma hemmx raġuni suffiċjenti jew ġustifikazzjoni ekonomika oħra għajr dik tal-impożizzjoni tad-dazju.

79 Għaldaqstant, ma jistax jitqies li l-konstatazzjoni tal-Qorti Ġenerali, li tinsab fil-punt 103 tas-sentenza appellata, hija vvizzjata minn żball ta' liġi.

80 It-tieni nett, f'dak li jikkonċerna l-konstatazzjoni tal-Qorti Ġenerali relattiva għall-indizji li kellu għad-dispożizzjoni tiegħu l-Kunsill, mill-punt 66 ta' din is-sentenza jirriżulta li din l-istituzzjoni kienet, f'dan il-każ, awtorizzata li tibbaża ruħha fuq sensiela ta' indizji konkordanti biex tikkonkludi li teżisti evażjoni, fis-sens tal-Artikolu 13(1) tar-regolament bażiku, fuq il-livell tal-Indoneżja.

81 Bl-istess mod, għall-istess raġunijiet bħal dawk esposti fil-punti 63 sa 66 ta' din is-sentenza, l-istituzzjonijiet tal-Unjoni huma, kif irrileva l-Avukat Ġenerali fil-punt 78 tal-konklużjonijiet tiegħu, awtorizzati li jibbażaw ruħhom fuq sensiela ta' indizji konkordanti sabiex jikkonkludu li teżisti evażjoni minn produttur-esportatur individwali li ma kkooperax jew li ma kkooperax biżżejjed fl-investigazzjoni relattiva għall-evażjoni.

82 F'dan il-każ, peress li, hekk kif jirriżulta mill-punt 86 tas-sentenza appellata, huwa stabbilit li Chin Haur ma kkooperatx biżżejjed fl-investigazzjoni, il-Kunsill kien awtorizzat li jibbaża ruħu fuq sensiela ta' indizji konkordanti biex jikkonkludi li teżisti evażjoni tal-miżuri antidumping minn din il-kumpannija.

83 Issa, mill-punti 96 sa 102 tas-sentenza appellata jirriżulta li, insostenn tal-konstatazzjoni li tinsab fil-premessa 62 tar-regolament ikkontestat, il-Kunsill ibbaża ruħu fuq ċertu numru ta' provi fattwali miġbura mill-membri tal-persunal tal-Kummissjoni waqt iż-żjara ta' verifika fl-uffiċċji ta' Chin Haur. B'mod partikolari, fil-punt 97 ta' din is-sentenza, il-Qorti Ġenerali semmiet il-provi segwenti: Chin Haur ma kellhiex il-makkinarju neċessarju biex tipproduċi biżżejjed partijiet meta mqabbel mal-volumi ddikjarati; xi whud mill-makkinarju ta' produzzjoni kien ġdid jew ma kienx intuża reċentement; Chin Haur la kellha makkinarju biex taqta' u lanqas makkinarju biex tiwweldja; kien impossibbli, waqt din iż-żjara, li tiġi osservata l-materja prima li tikkonċerna r-roti alloy kif ukoll il-frames; fil-bini ta' Chin Haur kien hemm kaxxi li kien fihom biċikletti kompluti li kellhom fuqhom is-sinjal "manifatturati fl-Indoneżja", il-fornitur Ċiniż ta' Chin Haur ma kienx jissemma, kif ukoll kaxxi oħra li kien fihom frames mingħajr ma tissemma l-oriġini; il-frames osservati fil-bini ta' Chin Haur kienu ġew ikkunsinnati minn fornituri u kienu diġà miżbugħin; l-impjegati ta' Chin Haur ma setgħux jagħtu spjegazzjonijiet dwar il-proċess ta' produzzjoni.

84 Madankollu, il-Qorti Ġenerali qieset li dawn il-provi ma kinux ta' natura li jipprovaw li Chin Haur kienet twettaq operazzjonijiet ta' trasbord, filwaqt li rrikonoxxiet, fil-punt 100 ta' din is-sentenza, li xi provi, bħall-fatt li l-fornitur Ċiniż ta' Chin Haur ma kien imsemmi mkien jew li xi kaxxi kien fihom frames mingħajr ma kellhom imsemmi l-oriġini tagħhom, kienu jikkontribwixxu biex jitnissel dubju fuq l-attivitajiet reali ta' din il-kumpannija, liema dubju kien barra minn hekk ikkorroborat mill-fatt li din tal-aħħar baqgħet ma ġġustifikatx iċ-ċifri pprovduti fil-formoli tat-talba għal eżenzjoni.

85 Kif irrileva l-Avukat Ġenerali fil-punt 81 tal-konklużjonijiet tiegħu, il-Qorti Ġenerali, peress li użat it-terminu "indizzju", ċaħdet b'hekk il-possibbiltà għall-Kunsill li jibbaża l-konklużjoni tiegħu fuq sensiela ta' indizji konkordanti u eżiġiet minn din l-istituzzjoni li ġġib il-prova diretta li Chin Haur kienet effettivament twettaq operazzjonijiet ta' trasbord, b'kontradizzjoni mal-livell ta' prova meħtieġ biex tintwera l-eżistenza ta' evażjoni, fl-ipoteżi ta' nuqqas ta' kooperazzjoni mill-produtturi-esportaturi.

86 Isegwi li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta ddeċidiet, fil-punti 104 u 105 tas-sentenza appellata, li l-Kunsill ma setax jikkonkludi li jeżisti trasbord min-naħa ta' Chin Haur u, sussegwentement, laqgħet ir-rikors u annullat l-Artikolu 1(1) u (3) tar-regolament ikkontestat sa fejn dan jikkonċerna lil din il-kumpannija.

87 Għalhekk, l-ewwel grupp tal-aggravji għandu jiġi milqugħ.

88 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, is-sentenza appellata għandha tiġi annullata, mingħajr ma hemm il-bżonn li jiġu eżaminati la l-argumenti u l-ilmenti l-oħra invokati fil-kuntest ta' dan il-grupp ta' aggravji u lanqas fil-gruppi tal-aggravji l-oħra.

Fuq ir-rikors quddiem il-Qorti Ġenerali

89 Konformement mal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 61 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, din tal-aħħar, f'każ ta' annullament tad-deċiżjoni tal-Qorti Ġenerali, tista' hija stess tiddeċiedi definittivament il-kawża, meta din tkun fi stat li tiġi deċiża. Dan huwa l-każ fil-kawża ineżami.

90 Peress li, hekk kif jirriżulta b'mod partikolari mill-punt 86 ta' din is-sentenza, l-analiżi tal-Qorti Ġenerali dwar it-tieni parti tal-ewwel motiv fl-ewwel istanza hija vvizzjata minn żball ta' liġi, għandhom jiġu evalwati t-tliet ilmenti mressqa minn Chin Haur fil-kuntest ta' din il-parti.

91 Dawn l-ilmenti għandhom jiġu eżaminati fid-dawl tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja mfakkra fil-punt 54 ta' din is-sentenza, li tgħid li l-istħarriġ ġudizzjarju għandu jkun limitat għall-verifika tal-osservanza tar-regoli tal-proċedura, tal-korrettezza materjali tal-fatti kkonstatati sabiex issir l-għażla kkontestata, tan-nuqqas ta' żball manifest fl-evalwazzjoni ta' dawn il-fatti jew tan-nuqqas ta' abbuż ta' poter.

92 L-ewwel ilment imressaq minn Chin Haur quddiem il-Qorti Ġenerali huwa dak li abbaži tiegħu l-Qorti Ġenerali laqgħet bi żball it-tieni parti tal-ewwel motiv. B'dan l-ewwel ilment, Chin Haur osservat li l-Kunsill kien wettaq żball ta' evalwazzjoni meta kkonkluda, fil-premessa 62 tar-regolament ikkontestat, li hija ma kellhiex kapaċitajiet ta' produzzjoni suffiċjenti biex tiġġustifika l-volumi ta' esportazzjoni tagħha lejn l-Unjoni.

93 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li, hekk kif jirriżulta mill-kunsiderazzjonijiet żviluppati fil-punti 55 sa 66 kif ukoll 81 u 82 ta' din is-sentenza, f'dan il-każ, l-oneru tal-prova li jinsab fuq l-istituzzjonijiet tal-Unjoni kien imnaqqas u dawn setgħu b'hekk jibbażaw ruħhom fuq sensiela ta' indizji konkordanti biex jipprovaw li Chin Haur kienet qed twettaq operazzjonijiet ta' evażjoni, b'mod partikolari trasbord.

94 Issa, minn naħa, mill-provi fattwali rrilevati mill-Qorti Ġenerali, b'mod partikolari fil-punti 97 u 100 tas-sentenza appellata, jirriżulta li diversi indizji kienu jiġġustifikaw li l-Kunsill ikollu dubji dwar l-attivitajiet reali ta' Chin Haur. Dawn l-indizji tfakkru fil-punti 83 u 84 ta' din is-sentenza. Min-naħa l-oħra, kif jirriżulta mill-punt 118 tas-sentenza appellata, huwa stabbilit li Chin Haur esportat volumi kbar ta' biċikletti lejn l-Unjoni mingħajr ma tista' tipprova l-oriġini tagħhom.

95 F'dawn iċ-ċirkustanzi għandu jiġi konkluż li l-Kunsill kellu sensiela ta' indizji konkordanti li kienu jippermettulu li jikkonkludi, mingħajr ma jwettaq żball manifest ta' evalwazzjoni, li Chin Haur kienet twettaq operazzjonijiet ta' trasbord.

96 Isegwi li l-ewwel ilment tat-tieni parti tal-ewwel motiv fl-ewwel istanza għandu jiġi miċħud bħala infondat.

97 Fir-rigward tat-tieni lment, Chin Haur issostni li l-Kunsill wettaq żball ta' liġi meta ddeduċa li jeżistu operazzjonijiet ta' trasbord sempliċement mill-bidla fix-xejra tal-kummerċ. Barra minn hekk, il-Kunsill ma stabbilixxiex rabta kawżali bejn dawn l-operazzjonijiet u l-allegata bidla fix-xejra tal-kummerċ.

98 L-ewwel nett, f'dan ir-rigward għandu jiġi rrilevat li mill-premessa 64 tar-regolament ikkontestat jirriżulta li l-Kunsill ma ddeduċiex l-eżistenza ta' trasbord mis-sempliċi bidla fix-xejra tal-kummerċ bejn l-Indoneżja u l-Unjoni. B'hekk, f'din il-premessa, wara li enfasizza l-eżistenza ta' tali bidla, il-Kunsill indika li kien ibbaża ruħu, biex jikkunsidra li l-eżistenza ta' prattiki ta' trasbord fuq l-iskala tal-Indoneżja kienet stabbilita, minn naħa, fuq il-konstatazzjonijiet li jikkonċernaw lil Chin Haur u, min-naħa l-oħra, fuq l-assenza ta' kooperazzjoni ta' ċerti produtturi-esportaturi Indoneżjani. Meta għamel hekk, dan ġabar il-konsegwenzi tal-konstatazzjonijiet li jidhru fil-premessi 62 u 63 ta' dan ir-regolament, hekk kif turi l-għażla tat-terminu "[k]onsegwentement" li tintroduċi l-premessa 64 tar-regolament imsemmi.

99 Issa, hekk kif jirriżulta mill-punt 95 ta' din is-sentenza, il-konstatazzjonijiet relattivi għal Chin Haur ma huma vvizzjati minn ebda żball manifest ta' evalwazzjoni.

100 F'dawn iċ-ċirkustanzi, għandu jitqies li l-Kunsill kellu biżżejjed ħjiel konkordanti, konformement mal-kunsiderazzjonijiet żviluppati fil-punti 55 sa 66 kif ukoll 81 u 82 ta' din is-sentenza, biex jikkonkludi li jeżistu prattiki ta' evażjoni fuq l-iskala tal-Indoneżja, u li dan ma wettaq la żball ta' liġi u lanqas żball manifest ta' evalwazzjoni f'dan ir-rigward.

101 It-tieni nett, f'dak li jikkonċerna l-argument relattiv għall-iżball imwettaq mill-Kunsill meta ma stabbilixxiex rabta kawżali bejn l-operazzjonijiet ta' trasbord u l-bidla fix-xejra tal-kummerċ, biżżejjed li jiġi rrilevat li l-Kunsill stabbilixxa, fil-premessi 58, 64 u 92 tar-regolament ikkontestat, l-eżistenza ta' bidla fix-xejra tal-kummerċ bejn l-Indoneżja u l-Unjoni, l-eżistenza ta' prattiki ta' evażjoni fuq l-iskala tal-Indoneżja kif ukoll in-nuqqas ta' ġustifikazzjoni ekonomika differenti mill-impożizzjoni tad-dazju antidumping.

102 Għandu jiġi ppreċiżat li, biex jistabbilixxi din l-assenza ta' ġustifikazzjoni ekonomika, il-Kunsill jivverifika, fil-prinċipju, jekk teżistix spjegazzjoni alternattiva kredibbli għall-bidla fix-xejra tal-kummerċ u għall-prattiki ta' evażjoni, liema ħaġa tirriżulta fil-prattika, fit-tfittxija jekk jeżistux provi li jistgħu jostakolaw l-istabbiliment ta' rabta kawżali bejn din il-bidla u l-prattiki ta' evażjoni.

103 Issa, għandu jiġi rrilevat li kien mingħajr ma wettqet żball ta' liġi li l-Qorti Ġenerali ċaħdet, fil-kuntest tal-ewwel parti tal-ewwel motiv, fil-punti 53 sa 70 tas-sentenza appellata, l-ilmenti ta' Chin Haur relattivi, minn naħa, għall-konstatazzjoni tal-Kunsill f'dak li jikkonċerna l-eżistenza ta' bidla fix-xejra tal-kummerċ u, min-naħa l-oħra, il-fatt li l-Kunsill naqas milli jieħu inkunsiderazzjoni l-ispjegazzjonijiet alternattivi għall-evażjoni. Barra minn hekk, fil-punt 100 ta' din is-sentenza ġie kkonstatat li l-konstatazzjoni relattiva għall-eżistenza ta' prattiki ta' evażjoni ma kienet ivvizzjata minn

ebda żball manifest ta' evalwazzjoni. F'dawn iċ-ċirkustanzi, għandu jitqies li l-Kunsill stabbilixxa r-rabta ta' kawżalità bejn l-operazzjonijiet ta' trasbord u l-bidla fix-xejra tal-kummerċ bejn l-Indoneżja u l-Unjoni.

104 F'kull każ, hekk kif irrileva l-Avukat Ġenerali fil-punt 122 tal-konklużjonijiet tiegħu, l-allegazzjonijiet ta' Chin Haur, li jgħidu li l-bidla fix-xejra tal-kummerċ tista' tirriżulta miż-żieda fil-kapaċitajiet ta' produzzjoni fl-Indoneżja, minn evażjoni tal-esportazzjonijiet Ċiniżi lejn pajjiżi ażjatiċi oħra jew mill-fatt li l-produtturi ta' pajjiżi ażjatiċi oħra, bħall-Indoneżja, approfittaw mit-tnaqqis fl-esportazzjonijiet Ċiniżi lejn l-Unjoni biex iżidu s-sehem mis-suq tagħhom fiha, ma huma sostnuti minn ebda prova.

105 Għaldaqstant, it-tieni lment tat-tieni parti tal-ewwel motiv fl-ewwel istanza għandu jiġi miċħud bħala infondat.

106 Fir-rigward tat-tielet ilment ta' dan il-motiv, Chin Haur tqis li, fl-assenza ta' provi oħra, l-elementi pprovduti kellhom jikkostitwixxu l-fatti disponibbli, fis-sens tal-Artikolu 18(1) tar-regolament bażiku.

107 F'dan ir-rigward, għandu jiġi rrilevat, minn naħa, li, hekk kif tindika l-Qorti Ġenerali, b'mod partikolari fil-punti 86 u 142 tas-sentenza appellata, l-informazzjoni pprovduta minn Chin Haur ma kinitx kompleta, kienet kontradittorja u mhux verifikabbli. Min-naħa l-oħra, mill-punti 95 u 100 ta' din is-sentenza jirriżulta li l-Kunsill kellu biżżejjed indizji biex jikkonkludi li jeżistu operazzjonijiet ta' trasbord.

108 Isegwi li t-tielet lment tat-tieni parti tal-ewwel motiv fl-ewwel istanza kif ukoll l-appell fl-intier tiegħu għandhom jiġu miċħuda bħala infondati.

Fuq l-ispejjeż

109 Skont l-Artikolu 184(2) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja, meta l-appell ikun fondat u l-Qorti tal-Ġustizzja taqta' l-kawża definittivament hija stess, hija għandha tiddeċiedi dwar l-ispejjeż. Skont l-Artikolu 138(1) ta' dawn ir-regoli, applikabbli għall-proċedura tal-appell bis-saħħa tal-Artikolu 184(1) tagħhom, il-parti li titlef il-kawża għandha tiġi kkundannata għall-ispejjeż, jekk dawn ikunu ntalbu.

110 Peress li Chin Haur tilfet, hemm lok li hija tiġi ordnata tbati l-ispejjeż kemm fir-rigward tal-proċedura fl-ewwel istanza fil-Kawża T-412/13 kif ukoll tal-appell, kif mitlub minn Maxcom, mill-Kunsill u mill-Kummissjoni.

111 Konformement mal-Artikolu 140(1) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja, applikabbli għall-proċedura ta' appell skont l-Artikolu 184(1) tal-istess regoli, l-Istati Membri u l-istituzzjonijiet li jintervjenu fit-tilwima għandhom ibatu l-ispejjeż rispettivi tagħhom.

112 Konsegwentement, il-Kummissjoni għandha tbati l-ispejjeż tagħha relattivi għall-proċeduri tal-appell fil-Kawżi C-247/15 P u C-259/15 P kif ukoll għall-proċedura fl-ewwel istanza fil-Kawża T-412/13. Min-naħa l-oħra, fid-dawl tad-dispożizzjonijiet iċċitati fil-punt 109 ta' din is-sentenza, peress li l-Kummissjoni talbet, fil-Kawża C-253/15 P, li Chin Haur tiġi kkundannata għall-ispejjeż, u din tal-aħħar tilfet il-kawża, hemm lok li din tiġi kkundannata għall-ispejjeż relattivi għall-appell fil-Kawża C-253/15 P.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (Ir-Raba' Awla) taqta' u tiddeċiedi:

1) **Is-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea, tad-19 ta' Marzu 2015, Chin Haur vs Il-Kunsill (T-412/13, EU:T:2015:163), hija annullata.**

2) Ir-rikors għal annullament ippreżentat minn Chin Haur Indonesia PT quddiem il-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea fil-Kawża T-412/13 huwa miċħud.

3) Chin Haur Indonesia PT hija kkundannata tbati, minbarra l-ispejjeż tagħha, dawk esposti minn Maxcom Ltd u mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, relattivi kemm għall-proċedura tal-ewwel istanza fil-Kawża T-412/13 kif ukoll għall-proċeduri tal-appell.

4) Chin Haur Indonesia PT hija kkundannata tbati l-ispejjeż esposti mill-Kummissjoni Ewropea relattivi għall-appell fil-Kawża C-253/15 P.

5) Il-Kummissjoni Ewropea għandha tbati l-ispejjeż tagħha relattivi għall-proċeduri tal-appell fil-Kawżi C-247/15 P u C-259/15 P kif ukoll għall-proċedura fl-ewwel istanza fil-Kawża T-412/13.

Firem